*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,522, 17 ta' Novembru, 2020*
*Taqsima A*

# MALTA

**ATT Nru LV tal-2020**

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

**ATT biex ikompli jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta relattiv għall-età tal-irtirar tal-imħallfin u maġistrati.**

**ACT No. LV of 2020**

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

**AN ACT to further amend the Constitution relative to the age of retirement of judges and magistrates.**

Nagħti l-kunsens tiegħi.

**(L.S.)** **GEORGE VELLA**
**President**

17 ta' Novembru, 2020

## ATT Nru LV tal-2020

*ATT biex ikompli jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta relattiv għall-età tal-irtirar tal-imħallfin u maġistrati.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

**1.** It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att tal-2020 li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta (Emenda Nru 3) u dan l-Att għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Kostituzzjoni ta' Malta, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "il-Kostituzzjoni". Titolu fil-qosor.

**2.** Is-subartikolu (1) tal-artikolu 97 tal-Kostituzzjoni għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu ġdid li ġej: Emenda tal-artikolu 97 tal-Kostituzzjoni.

"(1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, imħallef tal-Qrati Superjuri għandu jivvaka l-kariga tiegħu meta jagħlaq l-età ta' ħamsa u sittin (65) sena:

Iżda mħallef tal-Qrati Superjuri għandu jgħarraf lill-Prim Imħallef u lill-President ta' Malta qabel jilħaq l-età ta' ħamsa u sittin (65) sena ladarba jagħżel li jibqa' fil-kariga sakemm jilħaq l-età ta' tmienja u sittin (68) sena.".

Emenda tal-artikolu 100 tal-Kostituzzjoni.

**3.** Is-subartikolu (3) tal-artikolu 100 tal-Kostituzzjoni għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu ġdid li ġej:

"(3) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (4), maġistrat tal-qrati inferjuri għandu jivvaka l-kariga tiegħu meta jagħlaq l-età ta' ħamsa u sittin (65) sena:

Iżda maġistrat tal-qrati inferjuri għandu jgħarraf lill-Prim Imħallef u lill-President ta' Malta qabel jilħaq l-età ta' ħamsa u sittin (65) sena ladarba jagħżel li jibqa' fil-kariga sakemm jilħaq l-età ta' tmienja u sittin (68) sena.".

---

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 399 tal-11 ta' Novembru, 2020.

ANĠLU FARRUGIA
*Speaker*

RAYMOND SCICLUNA
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

I assent.

**(L.S.)** **GEORGE VELLA**
**President**

17th November, 2020

**ACT No. LV of 2020**

*AN ACT to further amend the Constitution relative to the age of retirement of judges and magistrates.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows:-

**1.** The short title of this Act is the Constitution of Malta (Amendment No. 3) Act, 2020 and this Act shall be read and construed as one with the Constitution of Malta, hereinafter referred to as "the Constitution". Short title.

**2.** Sub-article (1) of article 97 of the Constitution shall be substituted by the following new sub-article: Amendment of article 97 of the Constitution.

"(1) Without prejudice to the provisions of this article, a judge of the Superior Courts shall vacate his office upon reaching the age of sixty-five (65) years:

Provided that a judge of the Superior Courts shall inform the Chief Justice and the President of Malta of this decision before he reaches the age of sixty-five (65) years once he chooses to remain in office until he reaches the age of sixty-eight (68) years.".

Amendment of article 100 of the Constitution.

**3.** Sub-article (3) of article 100 of the Constitution shall be substituted by the following new sub-article:

"(3) Without prejudice to sub-article (4), a magistrate of the inferior courts shall vacate his office upon reaching the age of sixty-five (65) years:

Provided that a magistrate of the inferior courts shall inform the Chief Justice and the President of Malta of this decision before he reaches the age of sixty-five (65) years once he chooses to remain in office until he reaches the age of sixty-eight (68) years.".

---

Passed by the House of Representatives at Sitting No. 399 of the 11th November, 2020.

ANĠLU FARRUGIA
*Speaker*

RAYMOND SCICLUNA
*Clerk of the House of Representatives*

**Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta***
**Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC — *Printed at the Government Printing Press on FSC certified paper***

**Prezz/*Price***
**€0.36**